# IL-KNISJA TAL-MADONNETTA

Is-Santwarju  maghruf bhala s-Santwarju tal-Madonnetta hija knisja li tinsab fil-belt ta’ Genova, fil-kwartieri ta’ gholja msejha tal-Carbonara.

Il-knisja santwarju mbniet fuq medda ta’ art ‘l fuq mill-kunvent ta’ San Nikola, moghtija lir-religjuzi mis-Senat tar-Repubblika.



Il-bini tela’ bejn is-snin 1695 u 1696 ghall-patrijiet agostinjani skalzi mill-arkitett Giovanni Antonio Ricca li wara li temm ix-xoghol tieghu fuq il-bini dahal patri ma’ l-istess ordni.

F’dik iz-zona kien hemm kappella antika, iddedikata lil San Gakbu li Dun Carlo Giacinto kien irrestawra fis-sena 1689 u fiha pogga statwa sabiha tal-Vergni Marija bil-Bambin f’idejha, rigal minn nobbli Isabella Moneglias, mara tas-senatur Paride



Salvago. L-istatwa xoghol minqux fl-alabastru imzejjen fin, hija xoghol ta' Giovanni Romano (Trapani seklu 17). Kienet imsejha b'imhabba kbira bhala l-Madonnetta. Giet inkurunata 4 darbiet 14 ta' Awwissu 1692 - 14 ta 'Awwissu 1693 - 25 ta' Dicembru 1700 - 27 ta 'Gunju 1920). Hafna kienu jirrikorru lejn din l-omm tas-sema fil-kappella modesta taghha u kien ghalhekk li l-fundatur iddecieda li jhaffef il-bini tas-Santwarju.



It-tempju huwa mibni f'forma ottagonali bi tmien kappelluni fil-gnub. U minn taht l-altar magguri hemm tarag li jinzel lejn il-kripta fejn hija meqjuma u mizmuma l-Madonnetta.

Il-knisja ghandha bosta relikwi ta' qaddisin u martri, l-aktar ta' dawk gejjin mill-katakombi Rumani, imqieghda f'ovali mal-hitan u fil-hitan ta' l-artal magguri taht il-mejda ta' l-artal hekk li

dan il-post qaddis jista’ jitqies bhala sala celesti fejn l-angli u l-qaddisin jigglorifikaw lil Marija Ssma.

Kurcifiss ta’ l-injam huwa imqieghed fuq l-artal magguri u Xbiha tal-Pieta hija esposta f’wahda mill-kappelluni kollox bil-ghan biex wiehed ikun ispirat mill-Hniena kbira ta’ Alla meta jidhol f’dan it-tempju. Mitt skrizzjoni bibblika huma mqieghda b’mod ghaqli, imxerrda ma’ kullimkien biex ikunu ta’ ezempju ta’ funzjonalita’ didattika.

Is-santwarju ma damx ma sar centru ta’ hajja religjuza u



destinazzjoni ta' pelleggrinaggi. Hafna personaggi illustri zaru din il-knisja, fosthom Vittorio Emanuele I, u Santa Paola Frassinetti, fundatrici tad-Dorotej u ohrajn.

It-tifkira tal-Madonnetta issir fit-3 ta' Frar ta'kull sena.

F'dan is-Santwarju, il-vizitatur jista' jara presepju li dejjem huwa miftuh ghall-wiri.



**Proponiment wara din l-informazzjoni: Zomm lil Marija bhal omm tieghek u itlobha spiss u dejjem.**

**IFTAH IS-SLIDESHOW BILLI TIKKLIKJA FUQ L-ISEM IL-KNISJA TAL-MADONNETTA U TARA S-SBUHIJA TAGHHA INTERNAMENT.**